MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 76/2019 LM

**Pauline Basile Pace**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Malta Football Association**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell imressaq mill-**Malta Football Association** (minn issa 'l quddiem "l-appellanta"), minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-1 ta' Ottubru, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz

tagħha t-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), iddeċieda li l-appellanta għandha tħallas kumpens ta' sitta u erbgħin elf u tmien mitt Euro (€46,800) lill-appellata, wara li b'deċiżjoni oħra tal-istess Tribunal tas-27 ta' April, 2017, dan kien iddeċieda li t-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg kienet waħda inġusta u kontra l-liġi, u għalhekk l-appellata kellha terġa' tingħata l-impjieg lura. Dan l-appell huwa limitat għal dak li ġie deċiż bis-sentenza tat-Tribunal tal-1 ta' Ottubru, 2019.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti kienet ilha impjegata mal-assoċjazzjoni intimata mit-8 ta' Marzu, 1993, bħala parti fil-*Legal and Football Governance Department,* meta fit-3 ta' Jannar, 2014 hija ġiet infurmata permezz ta' *email* stampata, li tħalliet *f'envolope* mar-*receptionist* tal-assoċjazzjoni intimata, li l-impjieg tagħha mal-istess assoċjazzjoni kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrenti tgħid li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg seħħet mingħajr ma kien hemm raġuni valida u suffiċjenti fil-liġi għal dan. Fir-rikors oriġinali mressaq mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal, hija kienet talbet li l-assoċjazzjoni intimata tiġi ordnata terġa' timpjegaha mill-ġdid, kif ukoll li hija tingħata kumpens xieraq stante t-terminazzjoni mill-impjieg mingħajr ebda raġuni ġusta fil-liġi.

L-intimata wieġbet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li t-terminazzjoni tagħha mill-impjieg seħħet għal raġuni valida, ġusta u

suffiċjenti fil-liġi. L-intimata spjegat li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat minħabba assentejiżmu kontinwu u mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xogħol, li wassal lill-intimata biex takkuża lir-rikorrenti b'abbuż tal-pożizzjoni tagħha, kif ukoll b'abbuż tar-riżorsi tal-intimata.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti spjegat li l-aħħar ġurnata li ħadmet mal-intimata kienet fit-2 ta' Jannar, 2014. Meta rrapurtat għax-xogħol fit-3 ta' Jannar, 2014, hija ngħatat *envelope b'email* fih, li kienet tispjega li l-impjieg tar-rikorrenti kien qiegħed jiġi tterminat, bir-raġunijiet għalfejn ittieħdet din id-deċiżjoni. Ir-rikorrenti tgħid li hija ma ngħatatx l-opportunità tispjega ruħha mad-diriġenti tal-assoċjazzjoni intimata, u fit-3 ta' Jannar, 2014 stess kien ingħalaq l-*email account* tagħha, kif ukoll itteħdulha l-kompjuter u xi dokumenti li kienet qiegħda taħdem fuqhom. Ir-rikorrenti spjegat ukoll li fis-snin kollha li hija kienet ilha impjegata mal-assoċjazzjoni intimata hija qatt ma ngħatat twissija jew *charge* minħabba xi nuqqas tagħha fuq il-post tax-xogħol.

4. It-Tribunal Industrijali ddeċieda dwar dan il-mertu f'deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' April, 2017, fejn wara li għamel konsiderazzjoni tal-provi kollha li nġabu quddiemu, iddeċieda illi:

> "*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-mod kif ġie terminat l-impjieg tar-rikorrenti, li permezz ta'* email *li ġiet mogħtija lilha mir-*receptionist *ġiet infurmatha li l-impjieg tagħha ġie tterminat b'mod sommarju,*

*jiġifieri li ġiet imkeċċija minn fuq il-post tax-xogħol instantament. It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll li minkejja li l-*email *tat-terminazzjoni tal-impjieg, l-Assoċjazzjoni nfurmat lir-rikorrenti x'kienu r-raġunijiet li kienet qed tittermina l-impjieg tagħha però l-punt prinċipali jibqa', li l-Assoċjazzjoni ddeċidiet li r-rikorrenti kienet ħatja mingħajr ma qabel tatha l-opportunità li anke jekk trid bil-persuna tal-għażla tagħha tiddefendi b'mod xieraq il-każ tagħha.*

*F'diversi okkażjonijiet, dan it-Tribunal Industrijali kemm-il darba saħaq, li meta jkun hemm każ ta' dixxiplina fil-konfront ta' impjegat u jkun jirrikjedi li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, min iħaddem għandu jinforma lill-impjegat bil-miktub x'kienu n-nuqqasijiet tiegħu u jindikalu d-data u l-ħin meta se tkun l-aħħar laqgħa biex l-impjegat anke jekk irid ikun assistit b'persuna tal-għażla tiegħu, biex jiddefendi l-akkużi li jkunu qed isiru fil-konfront tiegħu.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-*istatements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal għall-konklużjoni, li r-rikorrenti ġie miksur lilha d-dritt tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali meta l-impjieg tagħha ġie tterminat b'mod sommarju u ma ġietx mogħtija l-opportunità li b'mod xieraq tiddefendi l-każ tagħha. Għaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha hija inġusta u saret bi ksur tal-liġi. It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll li hija terġa' tingħata l-impjieg lura mal-Malta Football Association fi żmien ħmistax-il ġurnata minn din id-deċiżjoni."*

Minn din id-deċiżjoni ġie intavolat appell kif ukoll appell inċidentali quddiem din il-Qorti diversament preseduta, liema appell ġie deċiż fit-23 ta' April, 2018. Ir-rikorrenti Pauline Basile Pace ilmentat li minkejja li t-Tribunal Industrijali sab favur tagħha fis-sens li ddeċieda li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet waħda inġusta u bi ksur tal-liġi, ir-rimedju mogħti lilha ma kienx adegwat sabiex tissewwa l-ħsara sofferta minnha meta ma ngħatatx smigħ xieraq. Ir-rikorrenti sostniet li sabiex il-ħsara sofferta minnha tiġi rimedjata, hija kellha mhux biss

tingħata l-impjieg lura, iżda t-Tribunal kellu jassigura wkoll li hija titpoġġa fis-sitwazzjoni li kienet fiha qabel l-impjieg tagħha ġie tterminat, u li hija mhux biss kellha tgħaddi minn proċess ta' dixxiplina fejn titħalla tiddefendi ruħha kif inhu xieraq, iżda wkoll għandha tiġi kkumpensata għaż-żmien li qattgħet quddiem it-Tribunal tiġġieled il-każ tagħha. Kien għalhekk li r-rikorrenti talbet lill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tirriforma d-deċiżjoni appellata, u filwaqt li tikkonfermaha sa fejn ġie deċiż li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet saret mingħajr raġuni ġusta u bi ksur tal-liġi, kif ukoll sa fejn ġie ordnat li hija għandha tingħata lura l-impjieg tagħha, tirriforma d-deċiżjoni tagħha fis-sens li jiġi deċiż li l-assoċjazzjoni intimata għandha tħallasha l-arretrati ta' pagi u ħlasijiet statutorji li akkumulaw mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti sad-data tal-impjieg tagħha mill-ġdid.

L-assoċjazzjoni intimata wieġbet li r-rikors tal-appell tar-rikorrenti huwa improponibbli stante li l-appell kellu jsir biss fuq punt ta' liġi, u ladarba r-rikorrenti fit-talbiet oriġinali tagħha kienet talbet hija stess li tiġi reintegrata fl-impjieg tagħha, ma kienx hemm lok fejn hija tingħata wkoll kumpens monetarju. L-assoċjazzjoni intimata ressqet appell inċidentali minn din id-deċiżjoni, fejn eċċepiet l-aggravju li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet imsejsa fuq defiċjenza oġġettiva li wasslet għal ċerta kontradittorjetà fis-sentenza. L-assoċjazzjoni intimata għamlet riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn intqal li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet dettata minn sitwazzjoni ta' assentejiżmu kontinwu u mhux ġustifikat minn fuq il-post tax-xogħol, iżda fl-istess ħin it-Tribunal ikkonkluda li l-impjieg tar-rikorrenti ġie

tterminat mingħajr ma hija ngħatat l-opportunità li tiddefendi ruħha. In vista ta' dan l-aggravju, l-assoċjazzjoni intimata talbet li filwaqt li jiġi miċħud l-appell prinċipali, jintlaqa' l-appell inċidentali tagħha billi tiġi rrevokata, imħassra u annullata d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' April, 2017.

Il-Qorti tal-Appell, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> "*Il-Qorti tagħmilha ċara li minkejja dak li ntqal, ma taqbilx mal-aġir tar-rikorrenti. Ladarba qalet li kienet ma tiflaħx, messha ppreżentat ċertifikat tal-mard. Il-prinċipal għandu dritt jesiġi li jingħata ċertifikat tal-mard. Però hemm baħar jaqsam bejn li prinċipal jieħu provvediment kontra impjegat wara li jagħtih opportunità jispjega ruħu u jippreżenta ċertifikat tal-mard, u d-deċiżjoni li ħa Darmanin Demajo fis-saħna tal-mument li jaqbad u jkeċċi lir-rikorrenti għaliex ikkonkluda li kien każ ta' assentejiżmu mhux awtorizzat. It-tkeċċija għandha tkun l-aħħar miżura li jirrikorri għaliha l-prinċipal. Dan hu każ li faċilment kien jissolva kieku l-impjegata ntalbet spjegazzjoni. Però hu evidenti li Darmanin Demajo ma kienx jafda lir-rikorrenti sa mill-bidunett li sar President tal-MFA, u tgħidlu x'tgħidlu xorta kien ikeċċieha. Dr Chris Bonett stess, li dak iż-żmien kien Viċi President tal-MFA, mistoqsi jekk kienx issuġġerixxa lil Darmanin Demajo biex ikellmu lir-rikorrenti qabel titkeċċa, wieġeb, "**Le, għax il-President kien determinat ...**u l-President ħa d-deċiżjoni illi mela ġialdarba kienet infurmata li ma tistax tieħu aktar* leave *l-impjieg tagħha għandu jiġi tterminat." Dan żgur li mhuwiex aġir ta' prinċipal eżemplari.*"

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell inċidentali mressaq mill-assoċjazzjoni intimata ġie miċħud.

L-appellanta min-naħa l-oħra ressqet l-appell tagħha għaliex minkejja li t-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet waħda inġusta, hija ħasset li xorta waħda baqgħet mingħajr rimedju adegwat, u kellha tingħata

kumpens konsistenti f'arretrati ta' pagi u ħlasijiet statutorji li akkumulaw mid-data tal-liċenzjament tagħha mill-impjieg sal-ingaġġ tagħha mill-ġdid, u tordna li kwalsiasi proċeduri dixxiplinarji jsiru abbażi ta' akkużi bil-miktub. Il-Qorti spjegat li m'hemm l-ebda dubju li dan l-aggravju huwa msejjes fuq punt ta' dritt. Intqal ukoll li minkejja li t-Tribunal kien iddeċieda li r-rikorrenti kellha tingħata l-impjieg lura, din l-ordni tat-Tribunal baqgħet ma twettqitx. Il-Qorti tal-Appell iżda qalet li ma taqbilx mal-mod kif it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni dwar ir-rimedju li għandha tingħata r-rikorrenti, partikolarment fejn intqal li jkun prattiku u skont l-ekwità li din tingħata l-impjieg li kellha lura. Il-Qorti rreferiet għal diversi aspetti tax-xhieda mogħtija quddiem it-Tribunal minn fejn ħareġ ċar li l-President dak iż-żmien ġdid tal-assoċjazzjoni intimata ma kellux fiduċja fir-rikorrenti, li ġiet ingaġġata mill-President ta' qablu, u għalhekk ma jkunx għaqli li r-rikorrenti terġa' tintbagħat taħdem fl-istess ambjent. Il-Qorti żiedet tgħid li minkejja li r-rikorrenti stess inkludiet talba sabiex tingħata l-impjieg lura, fil-verità hemm dubju kemm ir-rikorrenti ħasbet fit-tul dwar dan. Fi kliem il-Qorti:

> "*Meta ssir talba simili l-impjegat irid jiftakar li ħafna drabi ser ikun qiegħed jirritorna għal post tax-xogħol fejn ikun* persona non grata. *Dan iktar u iktar f'dan il-każ fejn l-intimata hi assoċjazzjoni sportiva fejn in-numru ta' impjegati mhuwiex kbir. Hekk ukoll f'dan il-każ mhemmx provi dwar x'ġara wara li r-rikorrenti tkeċċiet; per eżempju jekk l-MFA impjegatx lil ħaddieħor flok lir-rikorrenti, jekk hemmx post vakanti għar-rikorrenti, u x'għamlet ir-rikorrenti matul dawn is-snin. Dan hu tagħrif rilevanti li t-Tribunal Industrijali kellu jiżgura li jingħata qabel jieħu deċiżjoni bħal dik. Mhuwiex possibbli li Tribunal jiddeċiedi dwar il-prattikabilità ta' rimedju bħal dak, mingħajr ma jkollu tagħrif simili. Sabiex ordni simili tkun prattikabbli, trid tkun*

*kapaċi li titwettaq b'suċċess. Hu essenzjali wkoll li meta t-Tribunal jagħti ordni simili, jimmotiva d-deċiżjoni."*

Minkejja dawn il-konsiderazzjonijiet iżda, il-Qorti ddeċidiet li ladarba li ma tressaq l-ebda aggravju dwar din il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal, id-deċiżjoni li r-rikorrenti għandha tingħata l-impjieg li kellha mas-soċjetà intimata m'għandhiex titħassar. Il-Qorti iżda għamlet riferiment għall-parti tar-rikors tal-appell tal-appellanta fejn din talbet li tingħata kumpens, minħabba li t-Tribunal m'għamel l-ebda dikjarazzjoni dwar jekk ir-rikorrenti għandhiex tirċievi arretrati ta' pagi bħala forma ta' kumpens, kif qiegħda tippretendi hi. Il-Qorti żiedet tgħid li ladarba kien hemm talba għall-ħlas, it-Tribunal kellu jiddeċiedi dwarha wara li jikkonsidra jekk bejn id-data tat-tkeċċija u d-data ta' meta l-impjegat jiddaħħal lura fl-impjieg, ir-rikorrenti kinitx qiegħda tirċievi salarju mingħand prinċipal ieħor, jew inkella kinitx qiegħda tipperċepixxi xi forma ta' benefiċċji soċjali. It-Tribunal iżda ma ħa l-ebda deċiżjoni dwar dan. In vista ta' dan, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi dwar il-*quantum* tal-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti.

In segwitu għal din id-deċiżjoni, u wara li l-atti reġgħu ntbagħtu lura quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti ressqet nota fl-1 ta' Awwissu, 2018, fejn għamlet numru ta' sottomissjonijiet, fosthom li in vista tat-trapass taż-żmien mit-terminazzjoni tal-impjieg tagħha mal-MFA u l-fatt li hija ma kinitx milqugħa tajjeb fuq il-post tax-xogħol, hija ma tqisx li jkun għaqli għaliha li tirritorna lura

fl-impjieg li kellha, kif ukoll in vista tal-fatt li hija kellha dħul mill-impjieg ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300) fix-xahar, il-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' kumpens bejn Jannar 2014 u April tal-2018 huwa ta' disgħa u sebgħin elf, ħames mija u tletin Euro (€79,530). Ir-rikorrenti żiedet tgħid li wara li spiċċat mill-impjieg li kellha mal-MFA hija ma ħadmet fl-ebda post tax-xogħol ieħor, u f'dan iż-żmien hija ma bbenefikat mill-ebda ħlas ta' benefiċċji soċjali, għajr għaċ-*children's allowance.*

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fl-1 ta' Ottubru, 2019, it-Tribunal iddeċieda li l-appellata għandha titħallas kumpens fl-ammont ta' sitta u erbgħin elf u tmien mitt Euro (€46,800), u dan wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) mogħtija nhar it-23 ta' April, 2018 mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul, fl-Appell numru 23/2017 dwar il-Kwistjoni tax-Xogħol Każ Nru. 3208/HW Deċiżjoni 2437 datata 27 ta' April, 2017 bejn* ***Pauline Basile Pace vs Malta Football Association.***
>
> *Fis-sentenza tiegħu l-Onor. Imħallef Anthony Ellul qal li kull parti appellat mis-sentenza, ir-rikorrenti permezz ta' rikors u l-intimata permezz ta' appell inċidentali.*
>
> *Dwar ir-rikors tal-appell prinċipali, l-Onor. Imħallef Anthony Ellul qal li r-rikorrenti lmenta li filwaqt li t-Tribunal Industrijali sab favur tagħha li t-tkeċċija kienet inġusta u bi ksur tal-liġi, ir-rimedju mogħti ma kienx wieħed xieraq u skont il-liġi, sabiex tissewwa l-ħsara li hija sofriet konsegwenza tal-fatt li ma ngħatatx smigħ xieraq fil-*

*proċess tal-liċenzjament tagħha. Tisħaq li r-riżultat naturali ta' Deċiżjoni fejn ingħad li ġie leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali, kellu jkun mhux biss li tingħata lura l-impjieg tagħha iżda li titpoġġa lura fis-sitwazzjoni li kienet fiha qabel ma tilfet l-impjieg, sabiex b'hekk titqiegħed fl-i*status quo ante *u tgħaddi minn proċess ta' dixxiplina li jattwa l-prinċipju ta' ġustizzja naturali.*

*Għalhekk l-appellanti prinċipali titlob riforma fid-deċiżjoni appellata u filwaqt li titlob konferma safejn ġie deċiż li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi, u fejn ordnat li hija għandha tingħata l-impjieg lura, tibdilha billi tordna li l-Assoċjazzjoni intimata tħallasha dawk l-arretrati ta' pagi u ħlasijiet statutorji li akkumulaw mid-data tal-liċenzjament sad-data tal-ingaġġ mill-ġdid u tordna li l-intimata għandha tiffaċċja proċeduri dixxiplinarji a bażi ta' akkuża bil-miktub u jibqa' impreġudikat il-jedd tal-appellanti għal reviżjoni ta' eventwali deċiżjoni dixxiplinarja minn Tribunal indipendenti.*

*Min-naħa tal-Assoċjazzjoni talbet li filwaqt li jiġi miċħud l-appell prinċipali, jintlaqa' l-appell inċidentali tagħha billi tiġi revokata, imħassra u annullata d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' April, 2017 u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha ta' Pauline Basile Pace, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.*

*Fis-sentenza tiegħu, l-Onor. Imħallef Anthony Ellul ċaħad l-appell inċidentali tal-Assoċjazzjoni u ddeċieda wkoll li l-Qorti mhijiex se tħassar id-Deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li r-rikorrenti terġa' tingħata l-impjieg li kellha. Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet ukoll li peress li t-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeċiedi dwar it-talba relatata mal-ħlas li tippretendi r-rikorrenti tibgħat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeċiedi dwar dik it-talba.*

*It-Tribunal Industrijali sejjaħ il-partijiet biex jibda jisma' l-provi u bl-għan li jasal għal Deċiżjoni skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif ġiet deċiża mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul.*

*Matul is-smigħ tal-każ ir-rikorrenti kienet assistita minn Dr. Aron Mifsud Bonnici u għall-Assoċjazzjoni intimata ressaq il-każ Dr. Keith A. Borg.*

*Fin-nota li għamlet ir-rikorrenti lit-Tribunal Industrijali qalet li in vista tat-trapass taż-żmien mit-terminazzjoni tal-impjieg u fid-dawl tal-fatt li mix-xhieda rriżulta li hija ma tkunx milqugħa tajjeb fuq il-post tax-xogħol, hija tqis li ma jkunx għaqli li hija tirritorna lura fl-impjieg mal-MFA.*

*Fl-istqarrija tagħha hija tgħid ukoll, li l-pretensjonijiet tagħha għal kumpens huma li hija kellha €1,300 fix-xahar u għaldaqstant qed titlob kumpens li jammonta kif jidher hawn taħt:-*

| | |
|---|---|
| *Minn Jannar 2014 sa Diċembru 2017 €15,600 x 4 snin =* | *€62,400* |
| *Jannar – April 2018* | *€5,200* |
| *Sub-total* | *€67,600* |
| *Inflazzjoni (10%)* | *€6,670* |
| *Kumpens totali mitlub* | *€74,360* |

*Fl-istqarrija tagħha r-rikorrenti ddikjarat ukoll, li f'dan il-perijodu mit-temm tal-impjieg tagħha mill-MFA hija ma ħadmitx u bdiet taħdem f'April, 2018 bħala* casual worker *man-negozju tal-familja u dan mingħajr ħlas. Hija tgħid ukoll, li ma rċeviet l-ebda benefiċċju soċjali għajr dak taċ-*children allowance.

*Għan-naħa tal-Assoċjazzjoni jingħad, li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' April, 2018 hija rrimettiet l-atti lil dan it-Tribunal 'l għaliex skont din l-istess Qorti, dan it-Tribunal "naqas milli jiddeċiedi dwar it-talba relatata mal-ħlas li tippretendi r-rikorrenti." Dan għalhekk, bagħtet l-atti lura sabiex dan it-Tribunal "jiddeċiedi dwar dik it-talba." Għalhekk, dan ma jfissirx li dan it-Tribunal irid jordna kumpens iżda jfisser illi dan it-Tribunal irid jikkunsidra u jiddeċiedi din it-talba. Hija tgħid ukoll u tissottometti li kwalunkwe interpretazzjoni oħra tkun fallaċi.*

*L-Assoċjazzjoni tgħid ukoll, li dwar l-ewwel dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018 l-esponenti tosserva li din hija kontradittorja mad-Deċiżjoni ta' dan it-Tribunal tas-27 ta' April, 2017 fejn iddeċieda li r-rikorrenti terġa' tingħata lura l-impjieg tagħha mal-Malta Football Association. Apparti dan, l-esponenti ma tħossx li dan it-Tribunal, f'dan l-istadju huwa adit li jbiddel din id-Deċiżjoni tiegħu. Id-direzzjoni tal-Qorti tal-Appell hija waħda ċara.*

*L-Assoċjazzjoni tgħid ukoll, li dwar it-tieni dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018 tissottometti li din teħtieġ li tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-ewwel premessa u ta' dak espost f'punti numru tlieta u erbgħa ta' din in-nota. Fi kwalunkwe każ, il-pretensjoni riportata hija waħda, li jekk tiġi kkunsidrata minn dan it-Tribunal, jeħtieġ li tiġi hekk kunsidrata fid-dawl ta' diversi fatturi fosthom ir-raġuni 'l għaliex ir-rikorrenti ma sabitx impjieg salarjat.*

*L-Assoċjazzjoni tgħid ukoll, li dwar it-tielet dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018, tissottometti li n-negozju tal-familja li għalih tagħmel referenza għalih huwa x'aktarx l-istess wieħed li din inqabdet tmexxi fil-ħin tax-xogħol meta hija kienet impjegata fi ħdan il-Malta Football Association. Hija tgħid ukoll, li l-fatt dwar jekk l-involviment tagħha f'dan in-negozju kienx wieħed salarjat jew le huwa għalhekk irrilevanti. L-Assoċjazzjoni tgħid li din id-dikjarazzjoni teħtieġ kontroll tramite d-debita depożizzjoni tar-rikorrenti.*

*L-Assoċjazzjoni tgħid ukoll, li r-raba' dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti fin-nota tal-1 ta' Awwissu, 2018, għandha wkoll li teħtieġ tiġi sostanzjata bid-debita prova.*

*L-Assoċjazzjoni tagħlaq l-istqarrija tagħha fejn tgħid, li l-esponenti umilment tissottometti "illi hija x-xewqa tagħha li tressaq provi ulterjuri meħtieġa sabiex dan it-Tribunal jasal għad-deċiżjoni ulterjuri tiegħu."*

*Fix-xhieda tagħha r-rikorrenti tgħid, li hija kienet qed tirrinunzja li tiġi* reinstated *fix-xogħol mal-Assoċjazzjoni u dan għar-raġuni li kif jirriżulta mill-provi tal-każ in kwistjoni hija kienet għaddiet minn diversi problemi mal-bidla fil-Presidenza tal-Assoċjazzjoni li kien wera biċ-ċar, li hija kienet ġiet imwarrba u għamlulha l-ħajja tax-xogħol diffiċli u dan għas-sempliċi raġuni għax kienet taħdem mal-President ta' qabel. Għaldaqstant hija tgħid, li ma setgħetx tmur lura fix-xogħol li kellha meta kienet taf minn dak li diġà kienet għaddiet minnu.*

*Fix-xhieda tagħha hija tgħid ukoll, li matul il-perijodu li damet bla impjieg hija ma kinitx ħadmet u lanqas applikat biex taħdem u dan għar-raġunijiet għax kienet qed tistenna li jkun hemm Deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali u ħasbet li din ma kinitx se tieħu fit-tul taż-żmien. Hija tgħid ukoll, li ma kinitx ħadmet għax kellha żewġ ulied x'tieħu ħsieb kif ukoll, hija ħassitha skomda li tapplika għal impjieg għar-raġuni li meta kien se jkollha xi* interview *ma kinitx komda li tgħidilhom li ġiet imkeċċija mill-impjieg fuq allegat assentejiżmu.*

*Għan-naħa tal-Assoċjazzjoni dwar il-kumpens qalet li dan it-Tribunal Industrijali mhux bilfors li kellu jiddeċiedi fuq kumpens u dan għar-raġuni li fis-Sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell qalet li t-Tribunal Industrijali għandu jiddeċiedi jekk għandux ikun hemm kumpens.*

*L-Assoċjazzjoni tgħid ukoll, li jekk dan it-Tribunal Industrijali kellu jikkunsidra xi kumpens huwa għandu jieħu in konsiderazzjoni li kienet ir-rikorrenti li m'aċċettatx ir-*

*rimedju li ta dan it-Tribunal Industrijali, dak li terġa' tidħol lura fl-impjieg u għaldaqstant li baqgħet mingħajr xogħol li kienet l-għażla tagħha.*

*L-Assoċjazzjoni tgħid ukoll li sakemm ġiet mogħtija d-Deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' April, 2017 ir-rikorrenti lanqas għamlet ħilitha biex issib impjieg għax la qatt applikat għal impjieg u lanqas irreġistrat mal-JobsPlus biex issib impjieg. Ma' dan, hija lanqas qatt ma applikat biex tibbenefika mis-servizzi soċjali.*
*It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-każ in kwistjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa s-Sentenza mogħtija mill-Imħallef Anthony Ellul fil-Qorti tal-Appell, Appell numru 23/17 fejn fis-sentenza jgħid li, "Fir-rigward tal-appell ir-rikorrenti tillimita ruħha biex tiddikjara li t-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeċiedi dwar it-talba relatata mal-ħlas li tippretendi r-rikorrenti u għaldaqstant tibgħat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeċiedi dwar dik it-talba."*

*F'dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra ukoll, li fid-Deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali Każ Nru. 3208/HW bejn dawn iż-żewġ partijiet Deċiżjoni 2473 datata 27 April, 2017 li kif qal tajjeb l-Onor. Imħallef Anthony Ellul fis-sentenza tiegħu, li t-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeċiedi dwar it-talba relatata mal-ħlas li tippretendi r-rikorrenti. Però ta' min jinnota wkoll li t-Tribunal Industrijali ma kienx f'pożizzjoni li jillikwida kumpens u dan peress li ma ġew imressqa l-ebda provi mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali fir-rigward ta' indikaturi biex it-Tribunal Industrijali jieħu in konsiderazzjoni meta jillikwida kumpens li għandu jitħallas lill-impjegat. Hekk per eżempju ma tressqu l-ebda provi dwar il-qligħ li kellha fl-impjieg kif ukoll xi sforzi saru biex issib impjieg jew jekk kienx hemm benefiċċji soċjali relatati max-xogħol u ċirkostanzi rilevanti oħra. Għaldaqstant, in vista li ma ġiet ippreżentata l-ebda informazzjoni lit-Tribunal Industrijali ta' dak li kienet qiegħda tippretendi r-rikorrenti, l-istess Tribunal Industrijali ma kienx f'qagħda li jillikwida l-kumpens.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li sar jaf fid-dettall dwar il-pretensjonijiet tar-rikorrenti għal kumpens kien matul dawn il-proċeduri wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kienet fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018 li r-rikorrenti ddikjarat ukoll li għal diversi raġunijiet fosthom li kienu għaddew numru ta' snin minn meta spiċċat mill-impjieg kif ukoll, li peress li kienet ittrattata ħażin minn meta saret il-bidla fil-Presidenza tal-Malta Football Association kien ikun aħjar li hija ma tirritornax fl-impjieg li kellha.*

*It-Tribunal Industrijali meta jibda biex jeżamina l-formula għal kumpens kif preżentata mir-rikorrenti isib li r-rikorrenti qed tagħmel talba għal kumpens għall-perijodu kollu li damet barra mill-impjieg kif ukoll li qed tagħmel talba biex ikun hemm kumpens ta' 10 fil-mija biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-formula li qed tapplika r-rikorrenti għal kumpens qed timplika li l-limitu taż-żmien għal kumpens għandu jkun sa kemm kien hemm is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, però t-Tribunal Industrijali jrid jieħu in konsiderazzjoni aspetti oħra u l-ewwel aspett li jieħu huwa, li r-rikorrenti qed tassumi li kien hemm xi garanzija ta' impjieg mingħand min qed iħaddem kif ukoll li hi kienet qed tagħti xi garanzija ta' impjieg li kienet se tibqa' fl-impjieg għal dan il-perijodu kollu taż-żmien tax-xogħol. It-Tribunal Industrijali jieħu wkoll in konsiderazzjoni meta fix-xhieda r-rikorrenti tgħid, li hija f'dan il-perijodu ma rreġistratx mal-JobsPlus biex issib impjieg u lanqas qatt ma applikat għal xi* interview *biex issib impjieg għar-raġuni, li hija għandha żewġt itfal żgħar u riedet tieħu ħsiebhom. Dan it-Tribunal Industrijali jħoss li din ir-raġuni mhix valida għaliex kieku hi baqgħet fl-impjieg riedet ukoll tieħu ħsieb it-tfal tagħha u għaldaqstant kieku sabet impjieg ġdid setgħet tagħmel l-istess arranġamenti li kienet tagħmel meta kienet impjegata mal-MFA.*

*Dan it-Tribunal Industrijali jieħu in konsiderazzjoni wkoll, raġuni oħra li ġabet ir-rikorrenti dak li ma applikatx biex issib impjieg, ir-raġuni li hija ħassitha skomda li tapplika u fl-*interview *tispjega li fl-aħħar impjieg li kellha dan kien ġie terminat minħabba li l-*employer *kien akkużaha b'assenteiżmu. Dan it-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra din ir-raġuni hu tal-fehma, li din mhix raġuni valida għax min hu involut fid-dinja tax-xogħol kulħadd jaf li problemi ta' din ix-xorta jinqalgħu u speċjalment meta hija setgħet tispjega li l-problema li kellha fuq il-post tax-xogħol kienet tmur aktar lil hinn minn hemm u li dawn ħafna minnhom ġew ikkawżati mill-bidla fil-Presidenza tal-Assoċjazzjoni u l-kunflitt li kien hemm bejn il-President preżenti ma' dak ta' qablu li huma pubbliċi.*

*Għaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-każ fosthom; li r-rikorrenti meta kienet fl-impjieg sofriet minn trattament ħażin fuq il-post tax-xogħol, hija ġiet imwarrba mix-xogħol li kienet qed tagħmel u dan għar-raġuni biss għax kien hemm bidla fil-Presidenza tal-Assoċjazzjoni kif ukoll, li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha kienet ġiet dikjarata mit-*

*Tribunal Industrijali li kienet inġusta u bi ksur tal-liġi. Għaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra dawn l-aspetti kollha tal-każ speċjalment it-trattament ħażin li rċeviet jifhem li hemm raġuni valida li r-rikorrenti qed tirrinunzja li terġa' tmur lura fl-impjieg.*

*Meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jasal għall-konklużjoni, li r-rikorrenti għandha tkun intitolata għal kumpens finanzjarju.*

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu biex jagħti kumpens irid jikkunsidra diversi aspetti tal-każ u mhux sempliċiment jara kemm impjegat dam żmien mingħajr impjieg.*

*It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu għandu wkoll jeżamina kemm l-impjegata għamlet ħilitha biex issib impjieg. It-Tribunal Industrijali jinnota, li mill-provi li ġew imressqa quddiemu r-rikorrenti ma għamlet l-ebda applikazzjoni biex issib impjieg u lanqas irreġistrat mal-JobsPlus biex tipprova ssib impjieg alternattiv. It-Tribunal Industrijali jinnota li r-rikorrenti ddeċidiet li tastjeni milli tippparteċipa fid-dinja tax-xogħol.*

*In vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha msemmija hawn fuq, wara li t-Tribunal Industrijali kkonsidra l-*istatements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal għall-konklużjoni, li r-rikorrenti għandha tingħata kumpens mingħand il-Malta Football Association li jammonta għal €46,800 (sitta u erbgħin elf, u tmien mitt euro) u liema kumpens għandu jitħallas fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din id-Deċiżjoni."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-assoċjazzjoni intimata ppreżentat l-appell tagħha fil-11 ta' Ottubru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell, u konsegwentement tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tal-1 ta' Ottubru, 2019 fil-kwistjoni tax-xogħol numru 3208/HW, jew

alternattivament, u sussidjarjament, timmodifika d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tal-1 ta' Ottubru, 2019, fl-istess kwistjoni tax-xogħol, billi tirriduċi l-*quantum* tal-kumpens għal wieħed imsejjes fuq apprezzament aktar ekwu li jieħu qies taċ-ċirkostanzi kollha tal-kwistjoni tax-xogħol odjerna.

7. L-assoċjazzjoni appellanta tgħid li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-1 ta' Ottubru, 2019, u elenkat numru ta' aggravji in sostenn tal-pretensjoni tagħha li d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-1 ta' Ottubru, 2019 għandha tiġi rrevokata jew alternattivament immodifikata. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li filwaqt li bid-deċiżjoni tat-Tribunal tas-27 ta' April, 2017, it-Tribunal kien ordna li l-appellanta għandha tingħata l-impjieg mal-assoċjazzjoni lura, liema deċiżjoni qatt ma ġiet imħassra la mill-Qorti tal-Appell u lanqas mit-Tribunal, bid-deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru, 2019 ġie deċiż li l-appellata għandha titħallas kumpens ta' sitta u erbgħin elf u tmien mitt Euro (€46,800) għat-telf soffert minnha fiż-żmien meta hija kienet mingħajr impjieg. B'dan l-ewwel aggravju tagħha l-assoċjazzjoni appellanta tgħid li skont l-artikolu 81 tal-Kap. 452, ir-rimedji offruti lill-appellata f'dan il-każ huma alternattivi, u jaħsbu jew għar-reintegrazzjoni tal-persuna fl-impjieg li kellha qabel, jew inkella għall-ħlas ta' kumpens. L-appellanta argumentat ukoll li huwa t-Tribunal li għandu diskrezzjoni fuq id-deċiżjoni jekk persuna għandhiex tiġi reintegrata fl-impjieg li kellha jew inkella għandhiex titħallas kumpens monetarju. L-assoċjazzjoni appellanta argumentat li għalhekk it-Tribunal ma kellu l-ebda obbligu li jillikwida kumpens favur l-appellata.

It-tieni aggravju mressaq mill-appellanta jolqot il-*quantum* tal-kumpens likwidat. L-assoċjazzjoni appellanta tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452, u tgħid li fl-iffissar tal-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u t-telf li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta. L-appellanta għamlet riferiment għal għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fejn intqal li l-liġi speċjali li tirregola din il-materja ma tipprovdix regoli fissi dwar l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas, iżda fl-iffissar ta' kumpens *arbitrio boni viri,* il-Qrati tagħna għandhom dejjem jużaw il-mudell tal-*bonus paterfamilias,* li jqis iċ-ċirkostanzi fattwali kollha tal-każ. L-appellanta qalet li f'dan il-każ it-Tribunal kien iffaċċjat minn diversi provi, fosthom li l-appellanta m'għamlet l-ebda sforz sabiex issib impjieg ieħor wara t-tkeċċija tagħha mill-impjieg li kellha mal-assoċjazzjoni, u li kienet deċiżjoni libera tal-appellata li din tastjeni milli tipparteċipa b'mod attiv fid-dinja tax-xogħol. L-appellanta sostniet li fl-iffissar tal-*quantum* tal-kumpens, it-Tribunal wasal għal deċiżjoni li hija inekwa u sproporzjonata. L-appellanta qalet li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni li t-Tribunal eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod li jagħmel sens, u minkejja li l-*quantum* tal-kumpens pretiż mill-appellata ġie mnaqqas mit-Tribunal, it-Tribunal donnu naqas milli jikkunsidra li l-appellata m'għamlet xejn sabiex timmitiga t-telf soffert minnha.

**Ir-Risposta tal-Appell**

8. L-appellata wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata, u għalhekk l-appell tal-assoċjazzjoni appellanta għandu jiġi miċħud. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellata wieġbet li kienet il-Qorti tal-Appell stess li fid-deċiżjoni tagħha tat-23 t'April, 2018 qalet li minkejja d-deċiżjoni li l-appellata għandha tingħata lura l-impjieg li kellha, it-Tribunal xorta waħda seta' juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex l-appellata tingħata kumpens li jirrifletti l-paga mitlufa minnha fiż-żmien li hija kienet mingħajr impjieg. L-appellata qalet li l-atti reġgħu ntbagħtu lura quddiem it-Tribunal mill-Qorti tal-Appell għaliex it-Tribunal kien naqas milli jikkunsidra jekk il-likwidazzjoni ta' kumpens għat-telf soffert mill-appellata kienx rimedju aktar ġust u opportun in vista tal-fatt li kieku din reġgħet marret lura taħdem mal-assoċjazzjoni intimata, din kienet ser titqies bħala *persona non grata.* L-appellata ssostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal li jillikwida d-danni u jikkundanna lill-appellanta għall-ħlas tal-istess, taqa' entro d-direzzjoni mogħtija lit-Tribunal mill-istess Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tal-2018, u għalhekk l-appellanta ma tistax issa tressaq aggravju bbażat fuq il-fatt li t-Tribunal illikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilha, għaliex mhuwiex ammess li jkun hemm appell ulterjuri minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Huwa għalhekk, sostniet l-appellata, li din il-parti tad-deċiżjoni għandha tiġi kkonfermata.

Dwar il-*quantum* tad-danni, l-appellata qalet li t-Tribunal għandu d-diskrezzjoni li jiddeċiedi l-ammont li għandu jingħata bħala kumpens, sakemm

din id-deċiżjoni ma tkunx waħda sproporzjonata, u tkun imsejsa fuq iċ-ċirkostanzi fattwali kollha tal-każ. L-appellata qalet li l-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' kumpens kienet ibbażata fuq il-paga li hija tilfet mill-ġurnata tat-tkeċċija tagħha mill-impjieg, b'żieda ta' 10% li tirrifletti l-għoli tal-ħajja. Qalet ukoll li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li diġà sar mit-Tribunal, fejn l-apprezzament mill-ġdid tal-provi jista' jsir biss għal raġuni gravi u impellenti, jekk jirriżulta li l-analiżi tat-Tribunal kienet żbaljata b'mod grossolan u jekk jirriżulta li legalment u raġonevolment it-Tribunal ma kellux jasal għad-deċiżjoni li wasal għaliha. L-appellata kkonkludiet billi qalet li f'dan il-każ id-deċiżjoni tat-Tribunal hija mmotivata, u bbażata fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-fatt li l-appellata ma jidher li għamlet l-ebda sforz sabiex issib impjieg ġdid.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-assoċjazzjoni appellanta, flimkien mar-risposta tal-appellata, fil-kuntest tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, kif ukoll fil-kuntest tal-andament tal-proċeduri li ppreċedew id-deċiżjoni appellata dwar il-*quantum* tal-kumpens.

L-appell tal-appellanta huwa bbażat fuq żewġ aggravji, ewlieni fosthom id-deċiżjoni li l-appellata għandha tingħata kumpens monetarju minkejja li t-Tribunal kien ordna diġà li din għandha tingħata lura l-impjieg li kellha. Irid jiġi rilevat li ma kien hemm l-ebda appell minn xi ħadd mill-partijiet dwar id-

deċiżjoni tat-Tribunal li l-appellata għandha tingħata l-impjieg tagħha lura. It-Tribunal kien ordna li l-appellata għandha tiġi reintegrata fl-impjieg li kellha qabel, minkejja ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg, prinċipalment in-nuqqas ta' fiduċja tal-President tal-assoċjazzjoni Norman Darmanin Demajo fl-appellata. Dan in-nuqqas ta' fiduċja jirriżulta li kien ġej mill-fatt li l-appellata kienet ilha taħdem bħala assistenta personali għall-President ta' qabel Dr Joe Mifsud. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li Norman Darmanin Demajo ma kellux fiduċja fl-appellata, tant hu hekk li huwa stess xehed li ma kienx jafdaha, qalja kien jgħaddilha xogħol, u minn rwol ta' ħafna responsabbilità u impenn, l-appellata ġiet relegata għal rwol fejn ix-xogħol ewlieni tagħha kien li tiffajlja l-karti. Jirriżulta wkoll li tul il-ħajja tax-xogħol tagħha l-appellata qatt ma ffaċċjat passi dixxiplinarji jew ingħatat xi tip ta' twissija minħabba fl-imġiba tagħha fuq il-post tax-xogħol. It-Tribunal sema' wkoll kif l-ambjent fuq il-post tax-xogħol kien wieħed li kkawża skumdità kbira għall-appellata, partikolarment minħabba li anki kollegi oħra fl-istess post tax-xogħol bdew jagħtuha l-ġenb. Kien in vista ta' dawn ir-riżultanzi, li l-Qorti tal-Appell irrimarkat fit-tul dwar il-prattiċità tar-rimedju li l-appellata tingħata lura l-impjieg li kellha, partikolarment meta jirriżulta li minkejja d-deċiżjoni li l-appellata tingħata lura l-impjieg li kellha, tali ordni baqgħet ma ġietx eżegwita. Mill-provi ma jidhirx li l-assoċjazzjoni appellanta talbet lill-appellata tirritorna lura fl-impjieg li kellha, u ma jirriżultax lanqas li l-appellata għamlet xi tip ta' kuntatt mal-appellanta sabiex tara meta setgħet tirritorna fl-impjieg li kellha. L-appellata iżda intavolat appell quddiem din il-Qorti diversament preseduta,

fejn l-aggravju ewlieni tagħha kien li t-Tribunal naqas milli jillikwida l-kumpens għad-danni sofferti minnha tul is-snin fejn hija ma kinitx qiegħda taħdem wara li sfat imkeċċija minn mal-assoċjazzjoni appellanta. Din il-Qorti għalhekk hija prekluża milli tagħmel konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tgħid li l-appellata għandha tingħata l-impjieg lura. Jirriżulta bl-aktar mod ċar iżda li minkejja li ngħata dak ir-rimedju, u minkejja li dik id-deċiżjoni għaddiet in ġudikat, m'hemmx ir-rieda min-naħa tal-partijiet biex l-appellata tirritorna lura fl-impjieg li kellha. Naturalment din il-Qorti tifhem id-diffikultajiet prattiċi kollha biex fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-appellata tingħata l-impjieg li kellha lura, f'kariga li tirrikjedi l-fiduċja tal-presidenza tal-assoċjazzjoni, meta l-president Darmanin Demajo stess xehed li huwa ma kienx jafdaha lill-appellata. Kien in vista ta' dawn id-diffikultajiet, li l-Qorti tal-Appell irrimettiet l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellata, wara li ġie deċiż li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta.

*L-ewwel aggravju:* *It-Tribunal ta deċiżjoni li l-appellata għandha tingħata l-impjieg lura, kif ukoll deċiżjoni dwar il-kumpens li għandu jitħallas lilha*

L-appellanta tgħid li t-Tribunal kellu diskrezzjoni jagħżel l-aktar rimedju adegwat fiċ-ċirkostanzi, jew li jordna li l-appellata tingħata l-impjieg li kellha

lura, jew inkella li din tingħata kumpens. It-Tribunal iżda ma kellux jagħti ż-żewġ rimedji. Il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar din is-sottomissjoni partikolari. Huwa inkonċepibbli li wara snin ta' proċeduri u deċiżjonijiet kemm tat-Tribunal kif ukoll ta' din il-Qorti diversament preseduta, liema deċiżjonijiet kienu fis-sens li l-appellata tkeċċiet mill-impjieg li kellha b'mod sommarju, u li għalhekk it-tkeċċija tagħha kienet mingħajr raġuni ġusta, din tibqa' mingħajr rimedju effettiv. Din il-Qorti diversament preseduta diġà esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-prattiċità tar-rimedju li l-appellata tingħata l-impjieg li kellha lura, u kien għalhekk li l-atti ntbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellata, bil-ħsieb li din tingħata rimedju ekwu u effettiv. Jirriżulta wkoll li l-appellanta ma ressqitx appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal li ordna li l-appellata tingħata l-impjieg lura, iżda fl-istess ħin lanqas ma stabbiliet xi forma ta' komunikazzjoni mal-appellata sabiex din id-deċiżjoni tiġi eżegwita. Minkejja dan issa qiegħda tressaq dan l-appell biex tilmenta li l-appellata ma kellhiex tingħata żewġ rimedji, l-impjieg lura u l-kumpens monetarju, u dan meta jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-parti tad-deċiżjoni li tgħid li l-appellata kellha tingħata lura l-impjieg li kellha, baqgħet ma ġietx esegwita. Jirriżulta wkoll li t-Tribunal kien qiegħed jimxi mal-ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Appell, li ordnatlu jillikwida kumpens xieraq u ġust, u dan fil-kuntest tal-ambigwità tas-sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat ukoll li mhux ser ikun faċli għall-appellata li tirritorna lura għax-xogħol mal-assoċjazzjoni appellanta, u li aktarx l-appellata ma tantx ħasbet fit-tul qabel talbet dan ir-rimedju għaliha. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell ordnat lit-Tribunal jillikwida

l-kumpens monetarju li għandu jitħallas lill-appellata għad-danni li sofriet, kif fil-fatt jirriżulta li għamel. L-assoċjazzjoni appellanta ma tistax issa tressaq aggravju fis-sens li r-rimedji disponibbli huma alternattivi u mhux kumulattivi, għaliex anki li kieku jirriżulta li l-appellata ngħatat l-impjieg li kellha lura, xi ħaġa li ma seħiħtx u li aktarx mhijiex ser iseħħ, xorta waħda l-appellata ma ngħatatx rimedju għat-tliet snin li hija kienet mingħajr introjtu. L-appellanta ma tistax targumenta favur rimedju li jkun ifisser li hija tiffranka tliet snin salarju, meta lill-appellata keċċietha mill-impjieg b'mod sommarju u m'offritilha l-ebda rimedju prattiku għall-inġustizzja sofferta minnha. Huwa għalhekk li tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *il-*quantum *tal-kumpens*

L-assoċjazzjoni appellanta qiegħda tilmenta wkoll minħabba l-ammont ta' kumpens li ġie likwidat mit-Tribunal favur l-appellata, bl-argument ewlieni tal-appellanta jkun li l-appellata m'għamlet xejn sabiex timminimizza d-danni sofferti minnha. L-appellanta tgħid li mill-provi ħareġ ċar li l-appellata m'għamlet xejn biex issib impjieg alternattiv, m'applikat għall-ebda impjieg u lanqas ma rreġistrat mal-JobsPlus sabiex tara ssibx impjieg alternattiv. Il-Qorti qieset li minkejja li l-pretensjoni għall-kumpens li l-appellata ressqet kienet teċċedi s-sebgħin elf Euro, wara li ħadet konsiderazzjoni tas-salarji li kienet tipperċepixxi li kieku hija baqgħet fl-impjieg tal-appellanta, flimkien mar-rata tal-inflazzjoni, it-Tribunal xorta waħda llikwida kumpens li kien ferm anqas

minn dak li ppretendiet l-appellata, wara li kkonsidra r-raġunijiet li tat l-appellata għalfejn ma sabitx impjieg alternattiv u qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nieqsa mil-loġika jew mill-motivazzjoni, kif qiegħda tippretendi l-appellanta, u għalhekk li tqis dan it-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat u tiċħdu wkoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-assoċjazzjoni appellanta u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza u spejjeż ta' dan l-appell, a karigu tal-assoċjazzjoni appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**